Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Numru 853/2003

**Il-Pulizija
(Spettur Pio Pisani)**

**vs**

**Joseph Muscat
Noel Borg**

**Seduta tal-lum 20 t' Ottubru, 2003.**

Il-Qorti

Rat l-imputazjoni migjuba kontra:

Joseph Muscat ta' 18-il sena, bin Joseph u Carmen *nee'* Borg, imwieled Pieta, fis-17 ta' Settembru, 1985, residenti

‘Perth Flats’, Flat 1, Nru 99, triq Ganu, Birkirkara, detentur tal-karta ta’ l-identita 476085M;

Noel Borg ta’ 19-il sena, bin Saviour u Mari Antonia *nee’* Caruana, mwieled Pieta’ nhar it-03 ta’ Marzu, 1984 residenti 35, ‘Sweet’, Triq John Borg, Birkirkara, detemtur tal-karta’ ta’ l-identita’ numru 142384M;

Nakkuzawhon talli f’dawn il-Gzejjer, u cioe’ fi Triq Mons. Alfred Mifsud,, bIrkirkara, ghall-habta tas-01.30hrs, ikkommettew serq ta’ Motor Cycle (mutur) bin-numru FAD 836 tal-marka ‘Yamaha’ Mudel 80, u ta’ kulur ahdar, licenzjat f’isem, licenzjat f’isem Victor Bezzina, liema mutur jiswa Lm 150, u ta’ mutur iehor bin-numru FAD 315 tal-marka Yamaha Model 80m ta’ kulur ahdar licenzjat f’isem Adrian Magro, liema mutur jiswa Lm200. Dan is-serq u kkwalifikat bil-valur, lok u hin, skond l-art. 261, 267, 269(g) u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Lil Joseph Muscat wahdu, talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe l-mutur numru FAD 836 tal-marka ‘Yamaha’ Mudel 80, ta’ kulur ahdar, propjeta ta’ Victor Ludvic Bezzina, liema hsara tammonta ghal Lm50 skond l-art 325 (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Lil Joseph Muscat wahdu talli fl-istess post, sata, hin u cirkostanzi saq Motor Cycle’ nru FAD 836 tal-marka Yamaha licenzjat f’isem Victor Ludvic Bezzina u dan l-istess mutur meta ma kienx kopert b’polza t’assigurazzjoni kontra terzi
Lil Joseph Muscat wahdu, talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq l-istess mutur numru FAD 836 meta ma kienx liebes il-‘Crash Helmet’.

Lil Noel Borg biss talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi saq Motor Cycle’ nru FAD 315 tal-marka Yamaha licenzjat f’isem Adrian Magro u dan l-istess mutur meta ma kienx kopert b’polza t’assigurazzjoni kontra terzi

Lil Noel Borg wahdu, talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq l-istess mutur numru FAD 836 meta ma kienx liebes il-'Crash Helmet'.

Lil Noel Borg biss talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe fuq il-mutur ta' Adrian Magro nru FAD 315 tal-marka Yamaha licenzjat f'isem Adrian Magro liema hsara tammonta ghal Lm50 skond l-art. 325 (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti hija mitluba li barra l-pieni stabilliti ghar-reati fuq imsemmija tiskwalifika lil Joseph Muscat (I.D. 476085M) u lil Noel Borg (I.D. No. 142384M), milli jkollhom jew jottjenu licenzja tas-sewqan ghall-perjodu li l-Qorti jihrilha xieraq.

Rat il-kunsens tal-avukat generali tal-20 ta' Ottubru, 2003 skond l-artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex il-kaz kontra l-imputati ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni tal-imputati;

Fuq ammissjoni issib lill-imputati hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom;

Wara li rat l-artikoli 261, 267, 269 (g), 270, 325 (c) tal-Kap 9; 3 tal-Kap 104, A.L. 53/1983 u art. 18 Kap 65.

Tenut kont tal-ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, l-eta u l-fedina penali tal-imputati;

Tikkundannhom ghal-hlas ta' multa ta' Lm250 kull wiehed dwar it-tielet u l-hames akkuzi u tilliberhom mill-akkuzi l-ohra bil-kondizzjoni li ma jghamlux rejat iehor sa zmien sentejn mil-loum skond l-art 22 tal-Kap 446. Inoltre tiskwalifikom milli jkollhom jew jottjenu licenzja tas-sewqan sa zmien sena mil-lum.

Il-Qorti spjegat l-obbligi lill-imputati naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------